# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200** | **t:** 2155 6377 | **e:** info@stgeorge.org.mt | **L-Arċipriet • m:** 7920 4434 | **e:** archprieststgeorge@gmail.com
**w:** www.stgeorge.org.mt | **fb:** www.facebook.com/stgeorge.org.mt | **live streaming:** www.youtube.com/StGeorgesBasilica | **RADJU** *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | **t:** 2156 5207



## "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu!"

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Ras ir-Randan jimmarka l-bidu ta' żmien speċjali. Dan mhux iż-żmien li fih naraw x'se nagħmlu għal Alla, imma iktar imħeġġa niskopru Alla x'għamel għalina.

Nhar l-Erbgħa mistednin b'mod speċjali biex fis-5.45pm nagħmlu mixja penitenzjali u fis-6.00pm il-quddiesa bir-Rit tat-Tqegħid tal-Irmied. Nibdew flimkien b'ħeġġa dan iż-żmien ta' grazzja!

---

### LIVE STREAMING

*Għall-benefiċċju ta' dawk li ma jistgħux joħorġu, mill-Erbgħa tar-Rmied 'il quddiem, minbarra fuq Radju LBV, matul il-ġimgħa l-quddiesa tad-9.00am se tixxandar diretta wkoll bil-*live streaming *fuq Facebook u Youtube (araw l-indirizzi fil-parti ta' fuq tal-Bullettin). Nhar ta' Ħadd inxandru l-quddies tal-10.00am, tal-11.00am u tas-7.00pm.*




Kull **nhar ta' Ħamis** tar-Randan **fis-7.30pm**

***X'inhi?*** *Mument ta' talb li fih jiġi spjegat fid-dettall il-Vanġelu tal-Ħadd li jmiss. Din se ssir fl-adorazzjoni ta' kull nhar ta' Ħamis. Inħallu ftit ħin mal-Mulej. Infakkarkom li fil-Parroċċa għandna wkoll grupp immexxi minn Patri Peter Paul Cachia OSA li jiltaqa' s-sena kollha (il-Ħamis fis-7.30pm) biex jistudja fil-profond il-Kelma ta' Alla. Kulħadd jista' jattendi.*



## Ma' Ibnu tana kollox

**Quddiesa kull Ħadd** tar-Randan **fl-10.00am**

*Għaliex quddiesa* ***għat-tfal u l-familji****? Kull quddiesa tiswa daqs l-oħra u l-ebda quddiesa mhi esklussivament ta' xi kategorija, iżda importanti li jintuża lingwaġġ għal kull età. Matul din il-quddiesa jkun hemm is-servizz ta'* babysitting.




**Quddiesa fil-Ħdud** tar-Randan **fis-7.00pm.**

*Il-fidi rutina... il-fidi* boring*... mhemmx bżonn Alla... waħdi ngħaddi... kollox ġibt bis-saħħa tiegħi! Il-quddiesa tal-Ħadd hi mument li jgħinna nieħdu gost bl-imħabba ta' Alla u ninħelsu minn egoċentriżmu li jagħlaqna u jwassalna naħsbu li aħna allat u 'l barra minna ma jeżisti xejn.*

## L-EŻERĊIZZI GĦALL-FAMILJI

**Mit-Tnejn 11 sal-Ġimgħa 15 ta' Marzu fis-7.30pm minn Dun Noel Debono.** Li tinvesti fil-familja tiegħek ifisser ukoll li tħalli ħin għas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Min iżjed minnu jixtiqilna l-ġid lilna u lill-għeżież tagħna? Ħalli dawk it-tliet kwarti bħala mument ta' mħabba lejk u lejn l-għeżież tiegħek. Id-diffiċli sakemm tinqala' minn dak li għandek x'tagħmel u tiġi. Tħallix lill-Mulej jgħaddi u int ma tkunx hemm!
*Ikun hemm servizz ta'* childminding *u* babysitting.

Dun Raymond Portelli jirringrazzja lill-komunità tagħna għall-ġabra sabiħa ta' **€2,145** għall-missjoni fil-Perù.

### ĦARĠA MALTA

Nhar it-Tlieta 19 ta' Marzu. Issir quddiesa fir-Rotunda tal-Mosta u wara ninvistaw ir-Redentur tal-Isla. Immorru *guided tour* ta' Kastell Sant'Anġlu u l-Festa ta' San Ġużepp fir-Rabat. Tluq fis-7.30am mill-Bus Terminus u lura mal-vapur tal-5.15pm. Prezz: €15. Biljetti mingħand Antida Gatt (21551876) jew mill-Uffiċċju Parrokkjali (21556377).

**Fittex u aqra l-MESSAĠĠ TAL-PAPA FRANĠISKU GĦAR-RANDAN 2019:** ***"Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla" (Rum 8:19).***



**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 03-03-2019 | Ġorġ Farrugia |
| 04-03-2019 | Ġużeppi u M'Anna Attard |
| 05-03-2019 | Luigi u M'Antonia Borg |
| 06-03-2019 | Il-Familja Cilia |
| 07-03-2019 | Leli, Joe, Maria u Ġużeppa Attard |
| 08-03-2019 | Djonisju u Roża Tabone |
| 09-03-2019 | Ġużepp, Maria, Anton, Ġorġ, Pawlu Cremona |

**AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM**